



NISSALVAGWARDJAW IL-BIJODIVERSITÀ FL-AGRIKOLTURA

Immaġinaw dinja mingħajr frawli jew ċikkulata. Il-maġġoranza tal-pjanti ma jistgħux jagħmlu ż-żerriegħa mingħajr ma jkunu ppollinizzati bil-polline, normalment minn fjura oħra, bl-għajnuna ta' pollinatur selvaġġ. Jekk il-fjura tal-kawkaw ma tiġix miżjura minn dubbiena żgħira ma jkollniex ċikkulata, għalhekk anke sempliċi dubbiena għandha rwol importanti x'tilgħab!

1. a) Irranġaw, pinġi u ttikkettjaw il-konnessjonijiet neqsin f'dan iċ-ċiklu tal-ikel.

Tuffieħ – Pollinaturi – Produzzjoni



b) Tistgħu tfejju ċ-ċikli tal-ikel ta' dawn iż-żewġ tipi ta' ikel?

- ▶ Ġellewż
- ▶ Tadam



- 2.** L-għelejjel jiddependu fuq il-pollinazzjoni tal-insett għalhekk neħtieġu l-bijodiversità fl-agrikoltura biex inkabbru prodotti għall-ikel. Huwa stmat li waħda minn kull tliet gidmiet tal-ikel tagħna tiddependi fuq il-pollinazzjoni. Madwar id-dinja qed jintilfu l-ispeċijiet, u tabilħaqq fl-UE madwar 40 % tal-ispeċijiet tan-naħal u l-hoverfly qed jonqsu. Mingħajr il-bijodiversità u l-insetti, il-bdiewa jkollhom jippollinizzaw b'idejhom l-għelejjel għal spiża ta' biljuni fis-sena.

Mingħajr l-appoġġ tal-UE, il-bdiewa qed jipprattikaw dejjem iktar agrikoltura "aktar ekoloġika" jew iżjed sostenibbli, jissalvagwardjaw il-ħabitats selvaġġi u jaħdmu biex jissalvagwardjaw il-pollinaturi tagħna billi:

- ▶ imantnu l-ħabitats nattivi bħall-ħuxlief, il-bwar, l-artijiet mistagħdra, l-għoljiet u l-għadajjar;
 - ▶ jiggstixxu aħjar il-pestiċidi;
 - ▶ jirrestawraw il-pajsaġġi rikki bil-fjuri selvaġġi u s-sisien;
 - ▶ jżirgħu firxa wiesgħa ta' żrieragħ u pjanti nattivi għall-għelejjel.
- a)** Issuġġerixxu prattiki ekoloġiċi li huma prattiki li l-bdiewa jistgħu jużaw biex imantnu l-bijodiversità.
- b)** Immaġinaw li trabbu n-naħal. Intom tikru d-doqqajs tagħkom lill-bdiewa biex jassistuhom fil-pollinazzjoni tal-għelejjel. Oħolqu reklam għat-taqsima tal-agrikoltura ta' gazzetta lokali biex tirreklamaw in-naħal tal-għasel tagħkom għall-kiri biex jipollizzinaw il-pjanti fl-għellieqi tal-għelejjel.
- c)** Jekk xi ħadd jaf persuna li trabbi n-naħal, għaliex ma tistidnux lil dik il-persuna fil-klassi biex tispjega x-xogħol affaxxinanti tan-naħal u t-trobbija tan-naħal?



- 3.** Iddiskutu ċerti azzjonijiet għall-bijodiversità li l-klassi tista' twettaq. Forsi tistgħu tħawwlu siġra jew toħolqu roqgħa art għall-pollinaturi jew ħabitat għall-fjuri selvaġġi fl-iskola jew viċin tagħha?

Investigaw x'tistgħu tagħmlu, aħsbu kif tistgħu tagħmlu dan u mbagħad iktbu ittra elettronika lis-surmast/ direttur tagħkom u stidnuh(a) fil-klassi biex j/tisma' s-suġġerimenti u l-proposti tagħkom.

